# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## (Sede Kostituzzjonali)

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Rikors Kost. numru:  23/01/1 NA**

**Anthony Bartolo**

**vs**

**Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb), Il-Kummissarju tal-Pulizija, L-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u Gvern Lokali u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fil-5 ta' Ottubru 2001 fejn ir-rikorrenti lmenta:  (1) li ma kienx inghata smiegh xieraq minn qorti indipendenti w imparzjali ai termini ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea; u (2) fejn talab li

a tenur ta' l-Artikolu 20 (1) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti tiddikjara li jkun ingust u oppressiv illi huwa jigi estradit u dan billi l-akkuza migjuba kontra tieghu ma saritx in bona fide.

Fil-qosor jinghad illi r-rikorrenti flimkien ma' haddiehor kien ingab quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti Rimandanti b'Mandat ta' Arrest provvizorju mahrug in forza ta' l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta u dana wara li kienet inkisbet l-awtorita' relattiva mill-Ministru tal-Gustizzja taht l-Artikolu 13 ta' l-istess Kapitolu.  Bid-decizjoni taghha tal-31 ta' Mejju 2001 il-Qorti Rimandanti kienet ordnat ir-rilaxx ta' l-istess rikorrenti.  Wara appell, pero', ta' l-Avukat Generali, b'sentenza tal-25 ta' Settembru 2001 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqghet dan l-appell u ordnat lir-rikorrenti jintbaghat u jitpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggieh lura lejn l-Italja biex iwiegeb ghall-akkuzi li kienu saru kontra tieghu fit-12 ta' Settembru u 17 ta' Dicembru 2000 f'Ragusa l-Italja a tenur ta' l-Artikoli tad-Decreto Legge Norma 286 tal-25 ta' Lulju 1998.

Ir-rimedji li qed jitlob ir-rikorrenti minn din il-Qorti huma simili izda distinti minkejja illi t-tnejn huma mmirati biex din il-Qorti tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell

Kriminali fejn dina laqghet l-appell ta' l-Avukat Generali w ordnat lir-rikorrenti jitpogga taht kustodja biex jigi mibghut l-Italja ghall-finijiet fuq indikati. Fl-ewwel lok, jitlob lil din il-Qorti tezercita' l-funzjoni normali taghha bhala Qorti ta' l-Ewwel Istanza fejn huma indirizzati allegati ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem sew taht il-Kostituzzjoni ta' Malta sew taht il-Konvenzjoni Ewropea. Fit-tieni lok, pero', qed jitlob lil din il-Qorti tezercita s-setgha partikolari taghha moghtija lilha mill-Artikolu 20 ta' l-Att Dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja illi dan l-Artikolu wkoll isemmi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li huwa l-Artikolu li fil-parametri tieghu din il-Qorti tezamina lmenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali. Dan l-Artikolu 20 pero' jikkonsidra kazijiet specifici ghall-estradizzjoni li mhux necessarjament huma komprizi fl-Artikoli tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imsemmija fl-Artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni u fl-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea li llum giet inkorporata fl-ordinament guridiku ta' pajjizna. Huwa ghalhekk illi din il-Qorti sejra tezamina dawn l-ilmenti separatament minkejja illi din id-distinzjoni ma saritx b'mod tant car mill-kontendenti f'dawn il-proceduri.

Ghandu jinghad ukoll li ghar-rikors promotur saret ir-risposta ta' l-intimati fis-16 ta' Ottubru 2001 fejn apparti milli jitolbu lil din il-Qorti tirrespingi t-talbiet attrici fil-meritu, jeccepixxu wkoll li l-Pulizija (Spettur Sandro Zarb) tista' tkun parti fil-gudizzju biss permezz tal-Kummissarju tal-Pulizija u li l-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, l-Avukat Generali u l-istess Sandro Zarb ma humiex legittimi kontraditturi u kellhom jigu liberati mit-talbiet. Ir-rikors gie ampjament ittrattat fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti akkordat il-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu Nota ta' Riferenzi u lill-intimati li jaghmlu Nota ta' l-Eccezzjonijiet (il-Qorti tifhem wahda ulterjuri in aggiunta mar-risposta minnhom maghmula), izda sad-data meta qed tinghata din is-sentenza dawn in-noti baqghu ma sarux. Mill-banda l-ohra minkejja illi l-ordni moghtija minn din il-Qorti fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001 biex jigu allegati l-atti tal-process quddiem il-Qorti tal-Magistrati u quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma gietx segwita, dan ma ghandux anqas ikun ta' xkiel biex tinghata din is-sentenza. Il-Qorti effettivament hadet vizjoni ta' dawn l-atti u jidhrilha li, fil-kompitu limitat li hija ghandha li ma huwiex wiehed ta' Qorti tat-Tielet Grad, hija biss is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ghandha daqstant rilevanza. Bhala sentenza tal-Qrati taghna ma hemmx in-necessita' li dina tigi esebita

f'dawn l-atti biex din il-Qorti tiehu konjizzjoni taghha u, jekk ikun il-kaz, anke taghmel riferenza ghaliha kif effettivament sejjer isir f'din is-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-intimati illi korrettement il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri huwa l-Kummissarju tal-Pulizija u la l-Pulizija u anqas l-Ispettur Sandro Zarb ma huma legittimi kontraditturi (Artikolu 181 B (1) tal-Kapitolu 12). Peress ukoll illi dan ma huwiex wiehed mill-kazijiet ikkontemplati fl-Artikolu 181 B (2) tal-Kapitolu 12 lanqas ma huwa legittimu kontradittur l-Avukat Generali. Mhux l-istess pero', fil-fehma tal-Qorti, jista' jinghad ghall-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali u dana stante l-poteri residwali li huwa ghandu fil-materja li qed tigi dibattuta taht il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:-

Illi kif fuq imsemmi l-ewwel ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-allegat nuqqas ta' smiegh xieraq minn qorti indipendenti w imparzjali. Il-Qorti sejra tikkoncentra fuq dan l-aspett ta' l-

Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghax ma jidhirx illi fl-ebda mument ma gie kkontestat jew b'xi mod imqajjma l-kwistjoni taz-zmien ragonevoli jew ta' Qorti li ma kenitx imwaqqfa b'ligi.

Ikkunsidrat:-

Illi l-izvilupp tad-dritt Kostituzzjonali taghna fil-materja jidher li jmur oltre dak li huwa rikonoxxut mill-organi tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg fil-protezzjoni li tinghata f'dawn il-kazijiet fejn qed tintalab l-estradizzjoni ta' individwu minn pajjiz ghall-iehor. Fir-rigward ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, infatti, gie diversi drabi ritenut mill-Kummissjoni tal-Qorti illi l-Artikolu ma jsibx l-applikazzjoni tieghu fil-materja ta' estradizzjoni.

> "*The Commission recalls that Article 6 paras. 1 and 3 of the Convention are not applicable to proceedings concerning extradition to a foreign country*".
> ("F.T. vs United Kingdom" - 18/10/94).
>
> "*It follows that Article 6 para. 1 of the Convention is not applicable to extradition proceedings.*"
> ("Gezici vs Switzerland"- 28/5/1991).
>
> (Ara wkoll "P; R.H.; L.L. vs Austria" - 5/12/1989; "Osman vs United Kingdom" - 14/1/1991; u "Messina vs Switzerland" - 9/4/1997).

Invece l-Qorti Kostituzzjonali f'pajjizna rriteniet diversi drabi illi dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma applikabbili wkoll anke ghall-kaz ta' estradizzjoni.

"*Effettivament l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali f'dan ir-rigward, u li din il-Qorti taqbel perfettament mieghu, huwa car, u cioe' illi dana r-rekwizit japplika ghall-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti. (Ara "Colin John Trundell vs Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et" - Qorti Kostituzzjonali - 12 ta' April 1991; "Ronald Agius vs Avukat Generali et" - Qorti Kostituzzjonali - 30 ta' Novembru 2001)*"; "Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et" - Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) - 28 ta' Dicembru 2001 - minn liema sentenza ma sarx appell). Gustament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'din is-sentenza ghamlet riferenza, fost ohrajn, ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ta' "Colin John Trundell" u ta' "Ronald Agius" fejn, minkejja illi l-ilmenti tar-rikorrenti ma kienux simili ghal dawk fil-kawza odjerna, dan il-principju gie affermat u jista' jinghad li jifforma parti mill-gurisprudenza kostituzzjonali ta' pajjizna.

Ovvjament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tissindika dawn il-proceduri mill-ottika kostituzzjonali hija limitata fil-parametri

ta' dak li tipprovdi l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta. Kull ezami ghalhekk li jrid isir dwar jekk kienx hemm ksur tal-principju ta' smiegh xieraq minn Qorti imparzjali jew indipendenti u dana b'riferenza specifika f'dan il-kaz ghall-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali jrid isir b'riferenza ghall-funzjoni ta' dik il-Qorti fil-materja in ezami. Hekk gie ritenut korrettement mill-Qorti Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Satariano" tas-16 ta' Gunju 1997:

> "*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni, ghandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Dan il-kriterju gie dezinjat f'dawn it-termini. F'kaz li l-Qorti ssib li l-provi prima facie jindikaw il-probabbilita' ta' htija, jew anke jekk ikollha dubbju f'dan ir-rigward, hija ghandha tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti Rimandanti ma ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-gudikant: ma ghandhiex tikkonsidra l-preponderanza tal-provi.*"

L-ilmenti ghalhekk tar-rikorrenti jridu jkunu ndirizzati lejn ezami tal-ksur fondamentali tieghu tenut kont tal-gurisdizzjoni partikolari li ghandha l-Qorti Rimandanti u ghalhekk il-Qorti ta'

l-Appell Kriminali li ghandha, fl-Appell, l-istess limitazzjonijiet ta' gurisdizzjoni li ghandha l-Qorti Rimandanti.

Hemm limitazzjoni ohra li timmilita kontra t-tezi tar-rikorrenti u cioe' li f'dan l-ezami li jrid isir mhux permess ghal din il-Qorti li taghmilha ta' Appell tat-Tielet Grad u tezamina l-meritu ta' dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fi kliem iehor, jekk jirrizulta illi, soggett ghal dak il fuq intqal, is-smiegh quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien wiehed imparzjali w indipendenti ma jispettax lil din il-Qorti biex tevalwa l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzzjonijiet taghha u jekk dik il-Qorti kenitx gustifikata biex tasal ghal dawk l-istess konkluzzjonijiet.

> "*Ma hijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi l-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti w ezaminati minn dik il-Qorti u finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbili ghall-proceduri li dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt ta' natura strettament penali*" ("Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"),

u aktar tard fl-istess sentenza hekk jinghad:

> "*...din il-Qorti m'ghandhiex isservi ta' "a court of third instance" biex ghat-tielet darba - cioe' wara l-Qorti*

> *Rimandanti w il-Qorti ta' l-Appell Kriminali - terga' tezamina u taghmel apprezzament tal-provi.*"

– pronunzjamenti li tant jesprimu b'mod car id-dritt fil-materja illi din il-Qorti ma tarax illi hemm bzonn li zzid xejn maghhom. Finalment u qabel ma din il-Qorti tibda biex tezamina l-ilmenti tar-rikorrenti b'mod aktar specifiku b'riferenza partikolari ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hemm principju generali iehor li jrid jigi kkonsidrat fir-rigward tal-materja in ezami. Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' "Dr. Lawrence Pullicino vs Onorevoli Prim Ministru et" tat-18 ta' Awissu 1998, anke jekk jirrizulta li kien hemm xi rregolarita' partikolari fil-proceduri wiehed kellu jhares lejn il-process shih biex jezamina jekk giex lez id-dritt ghal smiegh xieraq. Dan fil-principju gie kkonfermat mill-Qorti fi Strasbourg fl-istess kaz u cioe' "Lawrence Pullicino vs Malta" fejn dik il-Qorti ddikjarat:

> "*The Constitutional Court, in application of the correct Convention test and with reference to the Strasbourg Court's case-law, looked at the fairness of the proceedings as a whole before concluding that the irregularity at first instance had not prejudiced the applicant's right to a fair trial.*" *(15 ta' Gunju 2000).*

Ikkunsidrat:

L-ewwel ilment tar-rikorrenti huwa illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali astjeniet milli tikkonsidra d-difiza legali ta' l-istess esponent. Din l-allegazzjoni saret specifikatament ghax skond ir-rikorrenti "*wiehed irid jara jekk tali fatti allegati jistghux jammontaw ghal reat kontinwat imsemmi*". Huwa minnu illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell stqarret li ma kienx il-kompitu taghha li tidhol fil-meritu biex tara "*jekk hux minnu li hemm xi reat kontinwat*". F'din l-istqarrija pero' l-Qorti ta' l-Appell kienet pjenament korretta. Il-kompitu taghha fil-gurisdizzjoni limitata li kellha kien invece li tara jekk hemmx *prima facie* reat li seta' jwassal ghall-estradizzjoni sew taht il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta u sew taht il-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni u specifikatament dwar dak li jipprovdi l-Artikolu 8 ta' l-Att u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

Bizzejjed li wiehed jikkwota xi brani minn din l-istess sentenza biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni kemm dan l-ilment tar-rikorrenti huwa nfondat:

> "*Dan mhux il-kaz. Dan l-Artikolu jsemmi dan ir-rekwizit ta' piena minima ta' sena prigunerija ezistenti fil-pajjiz rikjedent u jiddisponi li r-reat, li in konnessjoni mieghu tkun qed tintalab l-estradizzjoni, sabiex ikun reat ta' estradizzjoni f'Malta, irid igorr mieghu minimu ta' sena prigunerija fil-pajjiz rikjedent. Dan l-Artikolu ma jistipula ebda minimu ta' piena karcerarja ghall-istess reat fil-pajjiz rikjest, cioe' Malta. Dan qed jinghad ghaliex jidher*

> *li l-Qorti Rimandanti fehmet li dan il-minimu ta' piena japplika f'Malta in bazi ta' dan l-Artikolu 8 (1) (a) tal-Kap. 276. Dan mhux il-kaz.*" (Pagni10-11).

> "*Fit-tieni lok, il-minimu ta' sena prigunerija msemmi fl-Artikolu 8 (1) (a) tal-Kap. 276, jerga' jinghad, mhux xi rekwizit impost fuq il-pajjiz rikjest sabiex jara jekk reat hux wiehed ta' estradizzjoni jew le, izda fuq il-pajjiz rikjedent, fis-sens li l-Istat Malti ma jkunx jista' jestradixxi persuni lejn pajjiz iehor jekk ir-reat f'dak il-pajjiz l-iehor ma jkunx soggett ghall-piena minima ta' sena prigunerija. Fit-tielet lok, il-biza' li Malta jkollha testradixxi persuni anke fuq akkuzi li jgorru piena zghira hu sorvolat jew kontrollat b'dak li jiddisponu l-Artikoli 20 u 21 tal-Kap. 276.*" (Pagna 11).

> "*Meta si tratta ta' reat kontinwat, il-ligi taghna tikkunsidrah dejjem bhala reat wiehed, "**a single offence**", bhal ma jsejjahlu l-Professur Mamo. Il-Mamo qatt ma jiddeskrivi dan ir-reat bhala xi wiehed akkompanjat b'cirkostanzi aggravanti.*" (Pagna 15).

u finalment f'pagna 16:

> "*U dan li hu proprju importanti f'kaz ta' estradizzjoni, cioe', ir-rekwizit li piena li xi reat hu soggett ghaliha, kemm fil-pajjiz rikjedent kif ukoll fil-pajjiz rikjest, ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, ghall-istess jew simili fatti kriminanti, ma tkunx anqas minn sena prigunerija, jew piena akbar.*"

Din il-Qorti setghet tikkwota diversi brani ohra minn din is-sentenza partikolarment li jinstabu fil-pagna 15 taghha liema stqarriet saru mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali qabel ma waslet ghall-konkluzzjoni illi l-elementi rikjesti sew taht l-Artikolu 8 ta' l-Att sew taht l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni kienu gew sodisfatti

peress illi r-reat in kwistjoni kien soggett ghal piena ta' minimu ta' sena prigunerija sew fl-Italja sew f'Malta. Ghandu jigi hawn ripetut li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhuwiex biex tiddeciedi jekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellhiex ragun fil-meritu izda biex tezamina l-ilment partikolari tar-rikorrenti li din id-difiza tieghu ma gietx ikkonsidrata - allegazzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, manifestament infondata.

Lanqas ma huwa minnu illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali astjeniet li tikkonsidra l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Effettivament wara li kkonsidrat l-akkuzi li gew intavolati kontra r-rikorrenti mill-awtoritajiet Taljani ghaddiet biex tezamina l-funzjoni taghha fejn si tratta ta' proceduri ta' estradizzjoni.

> "*Il-Qrati Maltin, fi proceduri ta' estradizzjoni, jistghu jaslu biss biex jaraw, fuq bazi ta' prima facie, jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex persuna titpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghha lejn il-pajjiz rikjedent. Hu f'dak il-pajjiz, imbaghad li ssir il-kontestazzjoni fil-meritu ta' dawk l-akkuzi u mhux quddiem il-Qrati Maltin.*"

Kif qalet l-istess Qorti kien proprju f'dan l-isfond, allura, li ma kienx daqshekk importanti l-kwistjoni tad-dati u dana meta l-allegazzjonijiet maghmulha mill-Awtoritajiet Taljani kienu jirrizultaw almenu prima facie.

> "*Hija ferm cara, ghalhekk, l-intenzjoni tal-legislatur li l-mod ta' kif jigu trattati proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati Maltin hu ghal kollox* ***differenti*** *minn kif jigu trattati kawzi fejn persuna tkun normalment imputata jew akkuzata b'xi reat quddiem il-Qrati taghna.*"

Ghal dawn ir-ragunijiet anke l-ilment 1 (b) huwa respint.

Fl-ilment 1 (c) ir-rikorrenti jsostni li d-Difiza kienet fl-impossibbilita' li tikkontrolla l-provi migbura w il-konkluzzjonijiet tal-Qorti. Din il-Qorti tifhem illi fit-tieni parti ta' dan l-aggravju r-rikorrenti jrid ifisser dak illi jsostni fil-paragrafu numru 10 tar-rikors tieghu u cioe' li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali "*naqset milli taghti gudizzju ragonat (reasoned judgment)*", ghax altrimenti dan l-ilment ma jinftiehemx peress illi mhuwiex normali illi d-difiza tikkontrolla l-konkluzzjonijiet tal-Qorti! Ezami tas-sentenza in kwistjoni turi kemm dan l-ilment huwa totalment bla bazi. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'sentenza ta' 22 pagna ddedikat xejn anqas minn 19-il pagna minnhom f'ezami akkurat tas-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet u dana wara li fil-pagna 3 ta' l-istess sentenza kienet accertat ruhha mill-elementi fondamentali biex setghu jissussistu l-proceduri li kienu gew proposti quddiemha.

In kwantu ghall-provi li tressqu quddiem il-Qorti l-principju f'din il-materja huwa li huwa bizzejjed u sufficjenti li dawn il-provi

jipperswadu lill-gudikant li *prima facie* jezistu tali provi. Mhuwiex il-kompitu ta' dak il-gudikant biex jezamina l-kwalita' jew il-valur ta' dawn il-provi li invece huwa l-kompitu tal-Qorti fil-pajjiz rikjedent. Il-kompitu ta' din il-Qorti, di piu', huwa aktar limitat fl-ezami ta' din il-lanjanza peress illi hija ma tistax tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dik tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew tindaga jekk dik il-Qorti kenitx korretta fil-konkluzzjoni taghha. Effettivament kif gie ritenut fil-kaz fuq imsemmi "Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija", "*Jekk tali xhieda tieghu kienet 'hearsay', haga li kellha tigi determinata minn* <u>*dik*</u> *il-Qorti,* (b'riferenza ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali) *u li hija kwistjoni li fiha* <u>*din*</u> *il-Qorti mhix ser tidhol.*"

L-ilment 1 (d) tar-rikorrent aktar korrettement irid jigi trattat fit-tieni parti ta' din is-sentenza fejn din il-Qorti sejra tezamina l-Artikolu 20 (1) tal-Kapitolu 276. Anke l-istess rikorrenti jidher li huwa ta' l-istess fehma meta jissottometti illi din is-sottomissjoni "*saret ghal ragunijiet li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni in relazzjoni mal-Kap. (II) aktar 'l isfel*", liema Kap jittratta proprju l-allegat nuqqas ta' *bona fide* ta' l-akkuzi migjuba kontra l-esponent. In kwantu dan jista' jkun mod iehor u din il-Qorti fehmet hazin l-ilment tar-rikorrenti u ghalhekk l-istess rikorrenti qed jallega n-nuqqas ta'

imparzjalita' oggettiva jew soggettiva tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali din il-Qorti sejra totalment tinjora din il-possibbilita' li tirrizulta malament fondata u totalment bla bazi u sejra ghalhekk tikkonsidra dan l-ilment biss taht il-Kap. II tar-rikors u ghalhekk fil-parametri ta' l-Artikolu 20 (c) tal-Kapitolu 276. Hlief ghal dan l-ezami pero' u ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija din il-Qorti ssib li ma kien hemm ebda nuqqas ta' smiegh xieraq minn Qorti indipendenti w imparzjali fil-proceduri li ghadda minnhom ir-rikorrenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u li ghalhekk ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif imfissra fl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa ghalhekk li l-ewwel talba tar-rikorrenti hija respinta.

Ikkunsidrat:-

Illi kif intqal fil-bidu ta' din is-sentenza din il-Qorti hija moghtija gurisdizzjoni partikolari bl-Artikolu 20 (c) tal-Kapitolu 276, Artikolu korrettement imsemmi mir-rikorrenti f'dan ir-rigward u kuntrarjament, ghalhekk, ghal dak li jsostnu l-intimati fil-paragrafu erba' (4) tar-risposta taghhom peress illi l-Artikolu 20 (c) ma ghandu x'jaqsam xejn ma' l-operat tal-Ministru u

mad-diskrezzjoni lilu moghtija mill-istess Kapitolu 276 [liema diskrezzjoni hija hekk moghtija lill-Ministru bl-Artikolu 21 (3) u mhux 20 (3)].

Jiswa li dan l-Artikolu 20 jigi kkwotat fil-parti rilevanti tieghu:

> "*Fuq appell maghmul lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew fuq rikors ghal rimedju lill-Qorti Kostituzzjonali taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kull wahda mill-imsemmija Qrati tista', bla hsara ghal kull gurisdizzjoni ohra, tordna li l-persuna mibghutha taht kustodja tigi mehlusa mill-kustodja jekk fil-fehma ta' dik il-Qorti -*
> *(a) omissis;*
> *(b) omissis;*
> *(c) minhabba li l-akkuza migjuba kontriha mhix maghmulha 'in buona fide' fl-interess tal-gustizzja.*"

Fl-ewwel lok din il-Qorti tistqarr li ghandha dubbju serju jekk ir-rikorrenti kellux il-fakolta' li jirrikorri taht dan l-Artikolu sew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali sew quddiem din il-Qorti f'Sede Kostituzzjonali. Fic-cirkostanzi pero' mhijiex ghaldaqstant sejra tastieni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet odjerni maghmulha taht dan l-Artikolu u dana specifikatament ghal tlett ragunijiet u cioe' (1) li din il-materja ma gietx sollevata direttament u f'dan il-kuntest mill-intimati; (2) li fejn hemm dubbju f'dawn it-tip ta' proceduri dan id-dubbju ghandu jkun interpretat favur l-akkuzat; u (3) li kienet l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali li finalment fis-sentenza

taghha stiednet lir-rikorrenti jibda dawn il-proceduri w ipprefiggietlu terminu biex dan isir.

Fil-meritu kkunsidrat illi l-fatt li l-akkuza ma kenitx maghmulha *in buona fide* fl-interess tal-gustizzja hija allegazzjoni li kellha tigi ppruvata mill-istess rikorrent li qed jallegaha. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jirrizultax mill-atti processwali mnejn jirrizulta biss illi d-decizjoni li r-rikorrenti kellu jitressaq quddiem il-Qrati Taljani u mhux dawk Maltin kienet principalment, jekk mhux unikament, ibbazata fuq il-fatt illi kien ikun aktar konvenjenti li jingabru u jitressqu l-provi f'dak il-pajjiz fejn gie finalizzat l-allegat reat milli f'dan il-pajjiz. Raguni din, semmai, li tista' titqies fl-interess tal-gustizzja u mhux kontra taghha.

Dan apparti pero' diversi mill-ilmenti kontenuti fil-paragrafu 13 tar-rikors odjern huma lmenti li gew ampjament ezaminati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li waslet ghad-decizjoni taghha dwarhom. Kif gie ritenut aktar kmieni f'din is-sentenza din il-Qorti ma ghandhiex, u ma ghandux ikollha, il-kompitu li terga' tezamina dawn l-ilmenti u b'hekk tagixxi bhala Qorti tat-Tielet Grad u tisma' appell ulterjuri mill-appell li sar quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Finalment irid jinghad illi minkejja illi dan ma jirrizultax bhala fatt mill-atti tal-process f'din il-kawza din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita s-sottomissjoni tar-rikorrenti illi l-piena massima li jista' jkun kundannat ghaliha l-istess rikorrenti gewwa l-Italja hija aktar gravuza minn dik li jista' jehel Malta. Dan jista' wkoll iwassal biex minn certu lat dan il-fatt fih innifsu jkun ikkunsidrat bhala ingust fil-generalita' ta' dan il-koncett. Fih innifsu, pero', dan ma huwiex sufficjenti biex din il-Qorti tordna lir-rikorrenti jigi mehlus mill-kustodja peress ill din il-Qorti hija limitata fil-poteri taghha b'dak li jipprovdu s-sub-incizi ta' l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 276. Mhuwiex ghalhekk sufficjenti li din il-Qorti tkun tal-fehma illi kkunsidrati c-cirkostanzi kollha jkun ingust jew oppressiv li persuna "*tigi mregga' lura*" jekk ma jissussistux l-elementi l-ohra elenkati fis-sub-incizi liema elementi jikkwalifikaw l-ingustizzja jew l-oppressjoni u dan minkejja wkoll li din il-Qorti tista' tkun tal-fehma illi l-piena massima gewwa l-Italja ghal dan ir-reat hija wahda sproporzjonata meta mqabbla mal-piena massima taht il-Ligi Maltija.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija din il-kawza hija deciza billi l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati hlief kif intqal aktar kmieni f'din is-sentenza tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes

peress illi fil-fehma taghha ma giex lez id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq minn Qorti indipendenti w imparzjali a tenur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u peress ukoll illi ma japplikawx ghal dan il-kaz l-Artikolu 20 (c) tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment din il-Qorti tordna illi kopja ufficjali ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat, tramite r-Registratur ta' dawn il-Qrati, lill-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali u dan in vista tal-poteri specjali lilu moghtija fil-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta fuq imsemmi.

Deputat Registratur

rf.